

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Ġunju 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Taljana**

(Kawża C-173/05) <sup>(1)</sup>

*(“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 23 KE, 25 KE u 133 KE — Ftehim ta’ Kooperazzjoni KEE-Alġerija — Taxxa għall-ħarsien ta’ l-ambjent imposta fuq il-pajpijiet tal-gass installati fit-territorju tar-Reġjun ta’ Sqallija — Taxxa b’effett ekwivalenti għal dazju doganali”)*

(2007/C 183/05)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. Traversa u J. Hottiaux, aġent)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: I. M. Braguglia, aġent u A. Cingolo, avukat)

**Suġġett**

Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Ksur ta’ l-Artikoli 23, 25, 26 u 133 KE u ta’ l-Artikoli 4 u 9 tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta’ l-Alġerija, iffirmat fis-26 ta’ Settembru 1978 u approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/27 tat-28 ta’ Settembru 1978 (ĠU L 263, p. 1) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi taxxa għall-ħarsien ta’ l-ambjent (“tributo ambientale”) fuq il-pajpijiet tal-gass installati fit-territorju tar-reġjun ta’ Sqallija

**Dispożittiv**

- 1) Billi daħħlet fis-seħħ taxxa ambjentali li tolqot il-metanu li jiġi mill-Alġerija, ir-Repubblika Taljana naqset mill-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 23 KE, 25 KE, u 133 KE, kif ukoll taħt l-Artikolu 9 tal-Ftehim ta’ Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Demokratika tal-Poplu ta’ l-Alġerija, iffirmat f’Alġiers fis-26 ta’ April 1976 u approvat fisem il-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2210/78, tas-26 ta’ Settembru 1978.
- 2) Il-bqija tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbat i-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 155 tal-25.6.2005.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta’ l-14 ta’ Ġunju 2007 (talba għal deċiżjoni preliminari ta’ l-Oberster Patent- und Markensenat — L-Awstrija) — Armin Häupl vs Lidl Stiftung & Co. KG.**

(Kawża C-246/05) <sup>(1)</sup>

*(Liġi dwar it-trade marks — Artikolu 10(1) tad-Direttiva 89/104/KEE — Nuqqas ta’ użu ġenwin ta’ trade mark — Kunċett ta’ “data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni”)*

(2007/C 183/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Oberster Patent- und Markensenat

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Armin Häupl

*Konvenuta:* Lidl Stiftung & Co. KG.

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Oberster Patent- und Markensenat — Interpretazzjoni ta’ l-Artikoli 10(1) u 12(1) tad-Direttiva 89/104/KEE: L-ewwel Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta’ Diċembru 1988, biex jiġu approssimati l-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU L 40, p. 1) — Nuqqas ta’ użu ġenwin ta’ trade mark — Raġunijiet li l-impriża m’għandix kontroll fuqhom u li ma jħalluhiex tiftaħ supermarkits fit-territorju nazzjonali, meta l-istrategġija normali tagħha hi li ma tbigħx il-prodotti ta’ din it-trade mark ħlief fis-supermarkits tagħha stess — Il-kunċett tad-data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni

**Dispożittiv**

- 1) Id-“data li fiha tkun ġiet kompluta l-proċedura tar-reġistrazzjoni” fis-sens ta’ l-Artikolu 10(1) ta’ l-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE tal-21 ta’ Diċembru 1988 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar it-trade marks, għandha tiġi dde-terminata f’kull Stat Membru skond ir-regoli tal-proċedura fir-rigward tar-reġistrazzjoni li jkunu fis-seħħ f’dak l-Istat.